32005D0234

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Marzu 2005

li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE dwar l-importazzjoni ta' laħam frisk mill-Arġentina

(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2005) 602)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/234/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar problemi tas-saħħa u ta' l-ispezzjoni veterinarji fl-importazzjoni ta' annimali bovini, kaprini u ħnieżer, laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi ([1]), u b'mod partikulari t-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 16(1) tagħha.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistipola r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum uman ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 (1) u (4) tagħha,

Billi:

(1) Il-Parti I ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1979 li telenka lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom, u li tistipola l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u tal-pubbliku u taċ-ċertifikazzjoni veterinarja, għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u tal-laħam frisk tagħhom ([3]), tagħti lista ta' pajjiżi terzi u partijiet tagħhom li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom.

(2) Wara mxija tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ("FMD") f'Settembru 2003 fil-provinċja ta' Salta fl-Arġentina, fit-Tramunatana tal-pajjiż qrib il-fruntiera mal-Paragwaj, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/402/KEE ta' l-10 ta' Ġunju 1993 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' laħam frisk mill-pajjiżi ta' l-Amerika t'Isfel ([4]) ġiet emendata mid-Deċiżjonijiet 2003/658/KE ([5]) u 2003/758/KE ([6]), sabiex tiġi sospiża l-importazzjoni ta' laħam bovin mingħajr għadam u mmaturat mill-Provinċji ta' Salta, Jujuy, Chaco u Formosa ta' l-Arġentina. Id-Deċiżjoni 93/402/KEE tħassret mid-Deċiżjoni 2004/212/KE ([7]) u d-dispożizzjonijiet tagħha ġew inkorporati fid-Deċiżjoni 79/542/KEE.

(3) L-imxija ilha li ntemmet għal aktar minn 12-il xahar u ma nkixef l-ebda każ ieħor fit-territorju ta' l-Arġentina. Fl-istass waqt, missjonijiet ta' spezzjoni li saru fl-2004 urew li l-qagħda fl-Arġentina tjiebet sew rigward is-saħħa ta' l-annimali kif ukoll rigward is-saħħa pubblika.

(4) Il-Kummissjoni talbet lill-Arġentina sabiex toħloq żona ta' ħarsien matul il-fruntieri tagħha mal-Bolivja u mal-Paragwaj sabiex tevita r-riskju li tiddaħħal l-FMD. L-Arġentina pproponiet żona ta' ħarsien wiesgħa 25 kilometru matul il-fruntiera tagħha ma' dawk il-pajjiżi ("iż-żona ta' ħarsien"). Mapep u tagħrif iddettaljat/i, b'mod partikolari rigward il-miżuri ta' kontroll li qed jitwettqu fiż-żona ta' ħarsien, issa ngħataw lill-Kummissjoni. L-importazzjoni fil-Komunità miż-żona ta' ħarsien ta' laħam frisk minn speċi li huma suxxettibbli għall-FMD għandha tiġi pprojbita.

(5) Għaldaqstant huwa xieraq li tissokta l-importazzjoni ta' laħam frisk mingħajr għadam u mmaturat mill-provinċji ta' Salta, Jujuy, Chaco u Formosa bl-eċċezzjoni taż-żona ta' ħarsien.

(6) Id-Deċiżjoni 79/542/KEE li telenka lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi u li tistipola l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u tal-pubbliku u taċ-ċertifikazzjoni veterinarja, għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u tal-laħam frisk tagħhom ġiet emendata mid-Deċiżjoni 2004/212/KE fost l-oħrajn sabiex jiġu eskużi mill-ambitu tagħha l-prodotti tal-laħam. Għaldaqstant huwa xieraq li jitħassar mill-Artikolu 1 ir-riferiment żbaljat għall-prodotti tal-laħam.

(7) L-Artikolu I u l-Parti II ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 79/542/KEE għandhom jiġu emendati akkont.

([1]) ĠU L 302, tat-31.12.1972, p. 28. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 36).
([2]) ĠU L 18, tat-23.1.2002, p. 11.
([3]) ĠU L 146, tat-14.6.1979, p. 15. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/620/KE (ĠU L 279, tat-28.8.2004, p. 30).
([4]) ĠU L 179, tat-22.7.1993, p. 11.
([5]) ĠU L 232, tat-18.9.2003, p. 59.
([6]) ĠU L 272, tat-23.10.2003, p. 16.
([7]) ĠU L 73, tat-31.12.1972, p. 11.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 79/542/KEE il-kelmiet "u prodotti tal-laħam" jitħassru.

Artikolu 2

Il-Parti 1 ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 79/542/KEE huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' din id- Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ minn [18 ta' Marzu 2005 daħħal id-data tal-pubblikazzjoni].

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Brussel, fl-14 ta' Marzu 2005.

Ghall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS II

(LAĦAM FRISK)

L-1 Parti

LISTA TA' PAJJIŻI TERZI JEW PARTIJIET TAGĦHOM (*)

Pajjiż	Kodiċi tat-Territorju	Deskrizzjoni tat-Territorju	Ċertifikat Veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi
			Mudell(i)	SG	
1	2	3	4	5	6
AL — L-Albanija	AL-0	Il-pajjiż kollu	—		
AR — L-Arġentina	AR-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	AR-1	Il-Provinċji ta' Buenos Aires, Catamarca, Corrientes, Entre Ríos,, La Rioja, Mendoza, Misiones, Neuquen, Rio Negro, San Juan, San Luis, Santa Fe, u Tucuman.	BOV	A	1 u 2
	AR-2	La Pampa u Santiago del Estero	BOV	A	1 u 2
	AR-3	Cordoba	BOV	A	1 u 2
	AR-4	Chubut, Santa Cruz u Tierra del Fuego	BOV, OVI		
	AR-5	Formosa (biss it-territorju ta' Ramon Lista) u Salta (biss id-dipartiment ta' Rivadavia)	BOV	A	1 u 2
	AR-6	Salta (biss id-dipartimenti ta' General Jose de San Martin, Oran, Iruya, u Santa Victoria)	BOV	A	1 u 2
	AR-7	Chaco, Formosa (minbarra t-territorju ta' Ramon Lista), Salta (minbarra d-dipartimenti ta' General Jose de San Martin, Rivadavia, Oran, Iruya, u Santa Victoria), Jujuy	BOV	A	1 u 2
	AR-8	Chaco, Formosa, Salta, Jujuy, minbarra ż-żona ta' ħarsien ta' 25 km mill-fruntiera mal-Bolivja u l-Paragwaj li testendi mid-Distrett ta' Santa Catalina fil-Provinċja ta' Jujuy sad-Distrett ta' Laishi fil-Provinċja ta' Formosa	BOV	A	1 u 2
	AR-9	Iż-Żona ta' ħarsien ta' 25 km mill-fruntiera mal-Bolivja u l-Paragwaj li testendi mid-Distrett ta' Santa Catalina fil-Provinċja ta' Jujuy sad-Distrett ta' Laishi fil-Provinċja ta' Formosa	—		
AU — L-Awstralja	AU-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW		
BA — Il-Bosnja Herżegovina	BA-0	Il-pajjiż kollu	—		
BG –Il-Bul-garija	BG-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	BG-1	Il-provinċji ta' Varna, Dobrich, Silistra, Choumen, Targovitchte, Razgrad, Rousse, V.Tarnovo, Gabrovo, Pleven, Lovetch, Plovdic, Smolian, Pasardjik, Sofia district, Sofia city, Pernik, Kustendil, Blagoevgrad, Vratza, Montana u Vidin	BOV, OVI, RUW, RUF		
	BG-2	Il-provinċji ta' Bourgas, Jambol, Sliven, Starazagora, Hasskovo, Kardjaliand u l-kuridur ta' 20 km. wisgħa matul il-fruntiera mat-Turkija	—		
BH — Il-Baħrajn	BH-0	Il-pajjiż kollu	—		

1	2	3	4	5	6
BR — Il-Brażil	BR-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	BR-1	L-Istati ta' Paraná, Minas Gerais (minbarra d-delegazzjonijiet reġjunali ta' Oliveira, Passos, São Gonçalo de Sapucai, Setelagoas u Bambuí), São Paulo, Espíritu Santo, Mato Grosso do Sul (minbarra l-muniċipalitajiet ta' Sete Quedas, Sonora, Aquidauana, Bodoqueno, Bonito, Caracol, Coxim, Jardim, Ladario, Miranda, Pedro Gomes, Porto Murtinho, Rio Negro, Rio Verde of Mato Grosso u Corumbá), Santa Catarina, Goias u l-unitajiet reġjunali ta' Cuiaba (minbarra l-muniċipalitajiet ta' San Antonio de Leverger, Nossa Senhora do Livramento, Pocone u Barão de Melgaço), Caceres (minbarra l-muniċipalità ta' Caceres), Lucas do Rio Verde, Rondonopolis (minbarra l-muniċipalità ta' Itiquiora), Barra do Garça u Barra do Burges fil-Mato Grosso.	BOV	A	1 u 2
	BR-2	L-Istat ta' Rio Grande do Sul	BOV	A	1 u 2
	BR-3	L-Istat ta' Mato Grosso do Sul, il-muniċipalità ta' Sete Quedas	BOV	A	1 u 2
BW — Il-Botswana	BW-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW		
	BW-1	Iż-żoni veterinarji għall-kontroll tal-mard 5, 6, 7, 8, 9 u 18	BOV, OVI, RUW, RUF	F	1 u 2
	BW-2	Iż-żoni veterinarji għall-kontroll tal-mard 10, 11, 12, 13 u 14	BOV, OV; IRUW, RUF	F	1 u 2
BY –Il-Belarus	BY-0	Il-pajjiż kollu	—		
BZ — Il-Beliż	BZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
CA — Il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW, RUW, RUF	G	
CH — L-Iżvizzera	CH-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW		
CL — Iċ-Ċili	CL-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW		
CN — Iċ-Ċina (Ir-Repubblika tal-Poplu ta')	CN-0	Il-pajjiż kollu	—		
CO — Il-Kolombja	CO-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	CO-1	Iż-żona li taqa' f'dawn il-konfini: mill-punt fejn ix-Xmara Murri tingħaqad max-Xmara Atrato, 'l isfel max-Xmara Atrato sa fejn din tiżbokka fl-Oċean Atlantiku, minn dan il-punt għall-fruntiera mal-Panama miexja mal-kosta Atlantika sa Cabo Tiburon; minn dan il-punt lejn l-Oċean Paċifiku miexja mal-fruntiera bejn il-Kolombja u l-Panama, minn dan il-punt lejn il-bokka tax-Xmara Valle miexja mal-kosta tal-Paċifiku u minn dan il-punt f'linja dritta lejn il-punt fejn ix-Xmara Murri tingħaqad max-Xmara Atrato.	BOV	A	2
	CO-3	Iż-żona li taqa' f'dawn il-konfini: mill-bokka tax-Xmara Sinu fuq l-Oċean Atlantiku, 'il fuq max-xmara Sinu sa l-oriġini tagħha f'Alto Paramillo, minn dan il-punt sa Puerto Rey fuq l-Oċean Atlantiku, miexja mal-fruntiera bejn id-Dipartimenti ta' Antiquia u Córdoba, u minn dan il-punt sal-bokka tax-Xmara Sinu fuq il-kosta Atlantika.	BOV	A	2

1	2	3	4	5	6
CR — Costa Rica	CR-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
CS — Is-Serbja u l-Montenegro (**)	CS-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU		
CU — Kuba	CU-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
DZ — L-Algerija	DZ-0	Il-pajjiż kollu	—		
ET — L-Etjopja	ET-0	Il-pajjiż kollu	—		
FK — Il-Gżejjer Falkland	FK-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU		
GL — Greenland	GL-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW		
GT — Il-Gwatemala	GT-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
HK — Ħong Kong	HK-0	Il-pajjiż kollu	—		
HN — Il-Ħonduras	HN-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
HR — Il-Kroazja	HR-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW		
IL — Iżrael	IL-0	Il-pajjiż kollu	—		
IN — L-Indja	IN-0	Il-pajjiż kollu	—		
IS — L-Iżlanda	IS-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW		
KE — Il-Kenja	KE-0	Il-pajjiż kollu	—		
MA — Il-Marokk	MA-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
MG — Il-Madagaskar	MG-0	Il-pajjiż kollu	—		
L-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja (***)	MK-0	Il-pajjiż kollu	OVI, EQU		
MU — Il-Mawrizju	MU-0	Il-pajjiż kollu	—		
MX — Il-Messiku	MX-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		
NA — In-Namibja	NA-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW		
	NA-1	Lejn in-Nofsinhar mic-cnut ta' kurdun li jimxu minn Palgrave Point fil-Punent sa Gam fil-Lvant	BOV, OVIRUW, RUF	F	2
NC — New Caledonia	NC-0	Il-pajjiż kollu	BOV, RUF, RUW		
NI — In-Nikaragwa	NI-0	Il-pajjiż kollu	—		
NZ — New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW		
PA — Il-Panama	PA-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU		

1	2	3	4	5	6
PY — Il-Paragwaj	PY-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
	PY-1	Iż-żoni ta' Chaco Central u San Pedro	BOV	A	1 u 2
RO — Ir-Rumanija	RO-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW		
RU — Il-Federazz-joni Russa	RU-0	Il-pajjiż kollu	—		
	RU-1	Ir-Regjun ta' Murmansk (Murmanskaya oblast)	RUF		
SV — El Salvador	SV-0	Il-pajjiż kollu	—		
SZ — Is-Sważiland	SZ-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW		
	SZ-1	Iż-żona lejn il-Punent mic-cnut tar-'red line' li jestendu lejn it-Tramuntana mix-xmara Usutu sal-fruntiera ma' l-Afrika t'Isfel lejn il-Punent minn Nkalashane,	BOV, RUF, RUW	F	2
	SZ-2	Iż-żoni veterinarji ta' monitoragg u kontroll tat-tilqim ghall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer kif ippubblikata bhala Strument Statutorju skond l-avviż legali nru 51 ta' l-2001	BOV, RUF, RUW	F	1 u 2
TH — It-Tajlandja	TH-0	Il-pajjiż kollu	—		
TN — It-Tuniżja	TN-0	Il-pajjiż kollu	—		
TR — It-Turkija	TR-0	Il-pajjiż kollu	—		
	TR-1	Il-provincji ta' Amasya, Ankara, Aydin, Balikesir, Bursa, Cankiri, Corum, Denizli, Izmir, Kastamonu, Kutahya, Manisa, Usak, Yozgat u Kirikkale	EQU		
UA — L-Ukrajna	UA-0	Il-pajjiż kollu	—		
US — L-Istati Uniti ta' l-Amerika	US-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU,, SUF, SUW, RUF, RUW	G	
UY — L-Urugwaj	UY-0	Il-pajjiż kollu	EQU		
			BOV	A	1 u 2
			OVI	A	1 u 2
ZA — L-Afrika t'Isfel	ZA-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW		
	ZA-1	Il-pajjiż kollu minbarra: — dik il-parti taż-żona ta' kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tinsab fir-regjuni veterinarji ta' Mpumalanga u n-Northern provinces, fid-distrett ta' Ingwavuma tar-regjun veterinarju ta' Natal u fiż-żona tal-fruntiera mal-Botswana lejn il-Lvant tal-linja tal-longitudini 28°, u — id-distrett ta Camperdown, fil-provincja ta' KwaZulu-Natal	BOV, OVI RUW, RUF	F	2
ZW — Iż-Żimbabwe	ZW-0	Il-pajjiż kollu	—		

(*) Minghajr preġudizzju għall-kriterji speċifiċi għaċ-ċertifikazzjoni previsti f'atti ta' ftehim bejn il-Komunità u pajjiżi terzi.
(**) Minbarra l-Kosovo kif inhu definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999.
(***) L-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja; il-kodiċi proviżorju ma jaffettwax l-isem definittiv tal-pajjiż li għandu jinghata wara tmiem in-negozjati li bhalissa ghaddejjin fin-Nazzjonijiet Uniti.

— = L-ebda ċertifikat ma huwa stabbilit u l-importazzjoni ta' laham frisk hija pprojbita (ħlief għal dawk l-ispeċi murija fil-vers li jirreferi għall-pajjiż kollu)

Il-kundizzjonijiet speċifiċi msemmija fil-kolonna 6

'1': Restrizzjonijiet ġeografici u ta' żmien

Kodiċi tat-Territorju	Ċertifikat Veterinarju		Perjodi/dati li għalihom l-importazzjoni fil-Komunità hija jew mhijiex awtorizzata f'relazzjoni mad-dati tat-tbiċċir/tal-qatla ta' l-annimali li minnhom ikun ġej il-laħam	
	Mudell	SG		
AR-1	BOV	A	Qabel u inkluż il-31 ta' Jannar 2002	Mhux awtorizzata
			Wara u inkluż l-1 ta' Frar 2002	Awtorizzata
AR-2	BOV	A	Qabel u inkluż it-8 ta' Marzu 2002	Mhux awtorizzata
			Wara u inkluż id-9 ta' Marzu 2002	Awtorizzata
AR-3	BOV	A	Qabel u inkluż is-26 ta' Marzu 2002	Mhux awtorizzata
			Wara u inkluż is-27 ta' Marzu 2002	Awtorizzata
AR-4	BOV, OVI, RUM, RUF	—	Qabel u inkluż it-28 ta' Marzu 2002	Mhux awtorizzata
			Wara u inkluż l-1 ta' Marzu 2002	Awtorizzata
AR-5	BOV	A	Mill-1 ta' Frar 2002 sa l-10 ta' Lulju 2003 (inklużi)	Awtorizzata
			Wara u inkluż il-11 ta' Lulju 2003	Mhux awtorizzata
AR-6	BOV	A	Mill-1 ta' Frar 2002 sa l-4 ta' Settembru 2003 (inklużi)	Awtorizzata
			Wara u inkluż id-9 ta' Marzu 2002	Mhux awtorizzata
AR-7	BOV	A	Mill-1 ta' Frar 2002 sas-7 ta' Ottubru 2003 (inklużi)	Awtorizzata
			Wara u inkluż id-9 ta' Marzu 2002	Mhux awtorizzata
AR-8	BOV	A	Qabel u inkluż tat-18 ta' Marzu 2005	ara AR-5, AR-6 u AR-7 għall-perjodi li matulhom it-terr-itorji speċifiċi msem-mija f'AR-8 ma kinux awtorizzati
			Wara u inkluż tat-18 ta' Marzu 2005	Awtorizzata
BR2	BOV	A	Qabel u inkluż it-30 ta' Novembru 2001	Mhux awtorizzata
			Wara u inkluż id-9 ta' Marzu 2002	Awtorizzata
BR-3	BOV	A	Qabel u inkluż it-8 ta' Marzu 2002	Awtorizzata
			Wara u inkluż id-9 ta' Marzu 2002	Mhux awtorizzata
BW-1	BOV, OVI, RUM, RUF	A	Qabel u inkluż it-8 ta' Marzu 2002	Mhux awtorizzata
			Wara u inkluż it-8 ta' Lulju sat- il-22 ta' Dicembru 2002	Awtorizzata
			Wara u inkluż it-23 ta' Dicembru 2002 sas- 6 ta' Gunju 2003	Mhux awtorizzata
			Wara u inkluż id-9 ta' Marzu 2002	Awtorizzata
BW-2	BOV, OVI, RUM, RUF	A	Qabel u inkluż it-8 ta' Marzu 2002	Mhux awtorizzata
			Wara u inkluż id-9 ta' Marzu 2002	Awtorizzata

Kodiċi tat-Territorju	Ċertifikat Veterinarju		Perjodi/dati li għalihom l-importazzjoni fil-Komunità hija jew mhijiex awtorizzata f'relazzjoni mad-dati tat-tbiċċir/tal-qatla ta' l-annimali li minnhom ikun ġej il-laham	
	Mudell	SG		
PY-1	BOV	A	Qabel u inkluż it-8 ta' Marzu 2002	Mhux awtorizzata
			Wara u inkluż l-1 ta' Settembru 2002 sad-19 ta' Frar 2003	Awtorizzata
			Wara u inkluż l-20 ta' Frar 2003	Mhux awtorizzata
SZ-2	BOV, RUF, RUW	A	Qabel u inkluż it-8 ta' Marzu 2002	Mhux awtorizzata
			Wara u inkluż id-9 ta' Marzu 2002	Awtorizzata
UY-0	BOV, OVI	A	Qabel u inkluż it-8 ta' Marzu 2002	Mhux awtorizzata
			Wara u inkluż id-9 ta' Marzu 2002	Awtorizzata

'2': Restrizzjonijiet ta' kategorija:

L-interjuri mhux awtorizzati (ħlief fil-każ ta' speċi bovini, id-dijaframma u l-muskoli tax-xedaq masseter)."